**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Elton Taliana**

**Vs**

**Karim-Slim Safta**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Karim-Slim Safta ta' 22 sena mwieled Pieta' nhar il-15 ta' Frar 1993 bin Munir u Grace nee' Calleja u residenti 113, Triq il-Kbira, Qormi. Detentur tal-karta tal-identita' nru 90393M;

Talli nhar is-27 ta' Dicembru 2015 ghall-habta tat-3:30hrs gewwa Havana fi Triq San Gorg, San Giljan:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravissima fuq il-persuna t'Orlando Desmond Falzon skond kif iccertifika Dr. V. Vella Catalanoi M.D. mic-centru tas-sahha tal-Floriana;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-19 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-parti leza deher quddiem il-Qorti u ddikjara li ma kellu ebda pretensjoni fil-konfront tal-imputat u li ghalhekk kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli, u talab sabiex ma jixhedx f'dawn il-proceduri;

Semghet lit-tabib Dr Valerio Vella Catalano jixhed li l-ferita fuq wicc il-vittma kienet ghadha tidher "within talking distance", izda li ma hallietx marka gravi fuqu;

Rat li, minn distanza ta' zewg metri, l-istess marka ma kienetx vizibbli;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-istess imputat hati f'din il-kawza, u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Mill-atti rrisulta li dan kien incident goff bejn zewgt ihbieb li, milli jidher, kienu qed jiccajtaw flimkien waqt li kienu fi stat ta' ebrezza mill-konsum tal-alkohol. Gara li hin minnhom, l-imputat qabad "tray" bit-tazzi tal-hgieg u waddbu fid-direzzjoni tal-habib tieghu, biex ixarrbu. Ovvjament, it-tazzi tal-hgieg kienu iebsin fuq ras Orlando Desmond Falzon, kif ukoll kien iebes it-"tray" tal-injam, u dawn hallew marka fuq mohh il-vittma. B'xorti tajba, din il-marka mhix vizibbli minn distanza ta' zewg metri jew aktar, izda ssir vizibbli mill-qrib. Iz-zewg persuni jidher li baqghu hbieb, u l-imputat hallas lil Falzon ghal kull kura medika li kellu bzonn. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk,

jidher li dan l-incident kollu kien risultat ta' loghob goff bejn zewg guvintur hbieb, li ghalkemm wassal ghall-ferita gravi, ma gabx konsegwenzi aktar serji ghaz-zewg partijiet. In vista ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha taghti piena ta' prigunerija lill-imputat, izda sanzjoni fil-komunita' ghandha sservi tajjeb f'dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**